**7 ta' Marzu, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

George Borg

*versus*

Charles Falzon

## Ħlas bi Żball – Azzjoni ta' *Indebiti Solutio*

*Kawża fejn l-attur talab rifużjoni ta' flus li huwa allega li ħallas żejjed u bi żball lill-konvenut.*

*Fuq analiżi tal-provi l-qorti sabet il-verżjoni ta' l-attur inverosimili u ċaħdet it-talbiet attriċi.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta li huwa xtara mingħand il-konvenut żewġ magni bil-prezz ta' tlett mija u għoxrin lira Maltija (Lm320.00); u billi fil-fatt l-istess attur ħallas bi żball erba' mija u għoxrin lira (Lm420.00) minflok is-somma tal-prezz fuq dovuta; u billi l-konvenut irrifjuta li jirrifondi dan l-eċċess; l-istess attur talab li l-konvenut jiġi kkundannat jirrifondi lill-attur is-somma ta' mitt lira (Lm100.00) li huwa ħallsu indebitament u bi żball kif fuq imsemmi. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Frar 1979 u bl-imgħax kummerċjali mill-21 ta' Frar, 1979 – data tal-pagament;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi l-prezz miftiehem għall-magni kien ta' Lm420 (erba' mija u għoxrin lira maltija) li l-attur ħallas u mhux minnu li l-esponent eċċipjent irċieva xi flus indebitament mingħand l-attur. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Eżaminat il-provi kollha lil ressqu l-kontendenti;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur xtara żewġ magni sekonda man li jaħdmu l-injam mingħand il-konvenut. L-attur jippretendi li l-prezz kien ta' Lm320. Jippretendi li bi żball minflok Lm320 ħallas Lm420. Jippretendi li għandu jieħu lura mingħand il-konvenut is-somma ta' Lm100 li ħallsu indebitament;

Illi l-konvenut qiegħed isostni li l-prezz miftiehm kien ta' Lm420 u qiegħed jiċħad li hu rċieva xi flus indebitament mingħand il-konvenut;

Illi evidentement din il-kawża tinvolvi apprezzament ta' provi, fl-isfond proċedurali li jinkombi fuq l-attur li jagħmel il-prova li ħallas mitt lira indebitament lill-konvenut meta xtara l-imsemmija magni;

Illi f'din il-kawża, apparti d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-kontendenti, xehed l-attur u pproduċa bħala xhud tiegħu lil

Joseph Savona li kien impjegat mill-konvenut f'dak iż-żmien li sar in-negozju. Il-konvenut ma ressaqx provi testimonjali;

*Omissis;*

Fl-ewwel lok dak li laqgħet l-iktar lill-Qorti hi l-assoluta **inverosomiljanza** tal-pretenzjoni ta' l-attur. L-attur xehed li l-konvenut talbu Lm180 tal-*"Band Saw"* u *Lm160 tal-"cross cut"*. L-attur għadd f'moħħu dawn iż-żewġ ċifri flimkien u ġabhom Lm440. Biex jipprova jiffranka xi ħaġa l-attur saqsa lill-konvenut jekk kienx lest iħallilu ż-żewġ magni bil-prezz ta' Lm420. Il-konvenut aċċetta. L-attur ippreċiża li l-konvenut qallu: **"Int kif ġibthom Lm420?"** u l-attur qallu li Lm180 tal-*Band Saw* u Lm160 tal-magna l-oħra jġibu Lm440 u li naqqaslu Lm20;

*Omissis;*

Fit-tieni lok, ix-xhieda ta' l-attur hija mhux biss inverosimili iżda wkoll kontradetta kemm id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut u kemm mix-xiehda ta' Joseph Savona li ġie prodott mill-attur stess;

*Omissis;*

Ix-xhud Savona kkorrabora lill-konvenut u l-Qorti bil-fors li tagħti ħafna piż lix-xiehda ta' Savona għax dan meta xehed, kien xhud relattivament indipendenti, peress li rriżulta li kien spiċċa mill-impieg mal-konvenut. Dan ix-xhud ikkontradiċa lill-attur fuq diversi punti fosthom:

(a) Li kontrarjament għal dak li xehed l-attur, l-irċevuta

esebita a fol. 4 tal-proċess **kienet lesta** u meta l-attur ħallas lil Savona dan tahielu mill-ewwel. Din il-Qorti tinklina li taċċetta it-teżi ta' dan ix-xhud dwar din l-irċevuta u mhux it-teżi ta' l-attur għax anki minn eżami superfiċjali tal-kallegrafija li ntużat jidher li din l-irċevuta ġiet iffirmata minn Savona però ma tidhirx li l-korp tagħha inkitbet mill-istess Savona;

(b) Li meta l-attur ippretenda li sar żball, il-konvenut ipproponielu li jaqtgħu l-kwistjoni billi hu jirrifondilu s-somma ta' Lm420 u l-attur jirritornalu ż-żewġ magni. Savona jgħid li l-attur ma aċċettax u sostna li l-konvenut jirrifondilu l-Lm100 u li l-attur jibqa' jżomm il-magni. L-attur, fuq dan il-punt, xehed li l-konvenut kien lest li jirċievi lura **biss** il-*Band Saw* waqt li l-attur ried li jirritornalu ż-żewġ magni lura;

Illi evidentement in-nuqqas ta' verosomiljanza u l-konflitt fil-provi jimmilitaw kontra l-pretensjoni ta' l-attur. Konsegwentement l-attur ma irnexxilux jagħmel prova sodisfaċenti ta' dak li allega;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad it-talba ta' l-attur – bl-ispejjeż kontra tiegħu.